



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2100/2013 imressqa minn C.J., ta' nazzjonalità Ġermaniża, dwar il-qbid ta' għasafar ħajjin u l-użu tagħhom biex jattiraw għasafar oħra

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta titlob li jintemm l-użu ta' għasafar tal-ġhana żgħar biex jattiraw għasafar oħra li min-naħa tagħhom jiġu kkaċċjati, u biex tiġi imposta projbizzjoni totali fuq il-kaċċa tal-għasafar tal-ġhana. Wara li osservat din il-prattika f'Mallorca (Spanja), hija tqisha bħala partikolarment krudili, billi osservat li l-popolazzjonijiet tal-għasafar qed jonqsu ħafna minħabba l-ammonti kbar ta' għasafar li jinqabdu b' dan il-mod.

2. Admissibility

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Awwissu 2014. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

Id-Direttiva dwar l-Għasafar¹ tistabbilixxi sistema ġenerali ta' ħarsien għall-ispeċijiet kollha ta' għasafar selvaġġi li jinsabu fit-territorju tal-UE. L-ispeċijiet elenkati fl-Anness II jistgħu jiġu kkaċċati taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva, minħabba l-livell ta' popolazzjoni tagħhom, il-livell ta' distribuzzjoni ġeografika tagħhom u r-rata ta' riproduzzjoni tagħhom fl-Unjoni kollha kemm hi. L-infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva primarjament hu responsabilità

¹ Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, ĠU L20/7

tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti.

Il-petizzjonanta tiddenunzja l-użu ta' perniċi ħajjin biex jattiraw għasafar oħra fir-reġjun ta' Mallorca. L-unika speċi ta' perniċi li tista' tiġi kkaċċata fil-Gżejjer Baleariċi¹ hi *Alectoris rufa*. Il-Kummissjoni tinnota li din l-ispeċi hija elenkata fl-Anness II tad-Direttiva dwar l-Għasafar, u għaldaqstant tista' tiġi kkaċċata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kaċċa ta' dawn l-ispeċijiet ma tipperikolax l-isforzi ta' konservazzjoni fiż-żona ta' konservazzjoni tagħhom u li l-prattika tal-kaċċa tikkonforma mal-prinċipji ta' użu għaqli u kontroll ekoloġiku bbilanċjat tal-ispeċijiet konċernati. Barra minn hekk, dawn l-ispeċijiet m'għandhomx jiġu kkaċċati meta jkunu qed jrabbu l-frieħ jew waqt ir-riproduzzjoni.

L-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar l-Għasafar jipprojbixxi l-użu ta' mezzi u metodi għall-qbid jew qtil ta' għasafar fuq skala kbira jew b'mod mhux selettiv, b'mod partikolari dawk il-metodi elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva, li jipprojbixxu l-użu ta' għasafar ħajjin li jkunu għomja jew mutilati bħala nasba. Madankollu, l-użu ta' għasafar ħajjin biex jattiraw għasafar oħra mhux projbit b'mod ġenerali, sakemm dawk l-għasafar li jkunu se jintużaw bħala nasba jkunu tat-trobbija jew jinqabdu skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

Il-petizzjonanta talbet ukoll li jkun hemm projbizzjoni fuq il-kaċċa ta' għasafar tal-għana. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li s-sistema ġenerali ta' ħarsien taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar tapplika għall-parti l-kbira tal-għasafar tal-passa, bl-eċċezzjoni ta' għadd limitat ta' speċijiet tal-passa elenkati fl-Anness II/2 tad-Direttiva li jistgħu għaldaqstant jiġu kkaċċjati f'ċerti Stati Membri skont l-Artikolu 7.

Konklużjoni

Id-Direttiva dwar l-Għasafar tistabbilixxi sistema ġenerali ta' ħarsien għall-ispeċijiet kollha ta' għasafar selvaġġi fit-territorju tal-UE. Għadd limitat ta' speċijiet - elenkati fl-Anness II - jistgħu jiġu kkaċċati taħt l-Artikolu 7. Dawn il-prattika ta' kaċċa jeħtieġ li josservaw il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 7. Xiderogi għas-sistema ġenerali ta' ħarsien jistgħu jiġu applikati mill-Istati Membri, sakemm dawn id-derogi jissodisfaw ir-rekwiżiti stretti taħt l-Artikolu 9.

L-informazzjoni provduta mill-Petizzjonanta ma tipprovdiż biżżejjed evidenza ta' ksur tad-Direttiva dwar l-Għasafar f'dan il-każ.

¹ Id-Digriet 71/2004 tad-9 ta' Lulju li jelenka l-ispeċijiet suġġetti għall-kaċċa u sajd fix-xmajjar fil-Gżejjer Baleariċi u jistabbilixxi r-regoli għall-ħarsien tagħhom. (Decreto 71/2004, de 9 de julio, por el que se declaran las especies objeto de caza y pesca fluvial en las Illes Balears y se establecen normas para su protección (BOIB Num. 99 17-07-2004)